


# MANOEL THEATRE

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA TAT-TEATRU MANOEL

jipprezenta lill-Finalisti

(1980 - 82)

TA' L-AKKADEMJA TA' L-ARTI DRAMMATIKA

(M.T.A.D.A.)

Principal: DR. RONALD ABDILLA, B.A., LLD., Dip. Admn. (N.W.), U.S.A.

f'zewg xoghlijiet

ta'

J.M. SYNGE

IR-RIKKIEBA TAL-BAHAR

u

GHALL-ILQUGH TAL-WIED

traduzzjoni

MARIO AZZOPARDI

direzzjoni

MARIO ASCIONE

IS-SIBT, 24 TA' APRIL 1982 fis-7.30 p.m.

IL-HADD, 25 TA' APRIL 1982 fis-6.30 p.m.

NOTA TAD-DIRETTUR:

JOHN M. SYNGE ( 1871  1909)
KITTIEB IRLANDIZ TWIELED GEWWA DUBLIN U QATTA' ZMIEN TWIL IGHIX MAN-NIES SEMPLICI TAL-GZEJJER ARAN. KIENU D-DRAWWIET TA' DAWN IN-NIES LI INSPIRAWH BIEX JIKTEB 'IR-RIKKIEBA TAL-BAHAR' (1904) U 'GHALL-ILQUGH TAL-WIED' (1903).

WAQT LI MURJA FIR-'RIKKIEBA TAL-BAHAR' U NORA F'"GHALL-ILQUGH TAL-WIED" HUMA L-PROTAGONISTI MIMLIJIN B'EMOZZJONI, L-"ANTAGONISTI" FIZ-ZEWG DRAMMA MA' JIDRUX. FIZ-ZEWG XOGHLIJIET L-ANTAGONISTI HUMA: IL-BAHAR F'TA' L-EWWEL U L-IRWIEFEN TAX-XITA F'TAT-TIENI.

IL-PREZENZA TAL-ELEMENTI TANT HI KBIRA U DOMINANTI LI MINN MUMENT GHALL-IEHOR QED NISTENNEW LI SER JIGRI XI HAGA. B'RASSENJAZZJONI MURJA TGHID 'MHUX LI MA' TLABTX IS-SEMA GHALIK, DANJEL. MHUX LI MA' SAHARTX SAKEMM GHADMI CAQCAQ BL-GHEJJA FID-DLAM U L-UMDU TAL-GHAXIJA'.
IZDA X'TISTA' TITLOB AKTAR BIEX TBIEGHED IL-QILLA TAL-BAHAR U L-IRWIEFEN?.

IR-RIKKIEBA TAL-BAHAR

ta'

J.M. SYNGE

traduzzjoni ta'

MARIO AZZOPARDI.

JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| KATRIN | JUDIE FARRUGIA |
| NORA | MARIA ZAMMIT |
| MURJA | LILIAN PACE |
| DANJEL | JOE AZZOPARDI |
| XANDRU | KARMENU VELLA |

KOR:

THERESA AGIUS - CELIA DRABBLE - ANTHONY ELLUL - LOURDES FARRUGIA - CHRISTOPHER GATT - ISABELLE GATT - MARIANNE MUSCAT - MARTIN TESTA.

I N T E R V A L L

GHALL ILQUGH TAL-WIED

ta'

J.M. SYNGE

addattament ghall-Malti

minn

MARIO AZZOPARDI

JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| NORA | ISABELLE GATT |
| DANJEL | KARMENU VELLA |
| L-GHARIB | JOE AZZOPARDI |
| MIKIEL | MARTIN TESTA |

| | |
|---|---|
| STAGE NABAGER: | RAYMOND SPITERI |
| BOOK | THERESE SAMMUT |
| MAKE-UP | LINA GALEA CUMBO |
| | JOE QUATTROMANI |
| PROPS | ADRIANA SANT |
| SOUND | JOHN BRUNO |
| P.R.O. | JOE QUATTROMANI |

# CEREMONJA TAL-GRADWAZZJONI FIL-M.T.A.D.A. STUDIO.

NHAR IT-TLIETA, 6 TA' APRIL 1982 WARA R-RECTA TA' 'IR-RIKKIEBA TAL-BAHAR' TA' J.M. SYNGE MAQLUB GHALL-MALTI MINN MARIO AZZOPARDI TAHT ID-DIREZZJONI TA' MARIO ASCIONE, IL-FINALISTI TAL-AKKADEMJA TAL-ARTI DRAMMATIKA RCEVEW MINNGHAND IC-CHAIRMAN, TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA TAT-TEATRU MANOEL, IS-SUR ALBERT AGIUS FERRANTE, L.P., ID-DIPLOMA TAR-RECTAR WARA SENTEJN STUDJU U XOGHOL IEBES. IL-KAP TAL-AKKADEMJA TAL-ARTI DRAMMATIKA, DR, RONNIE ABDILLA, B.A., LL.D., Dip. Admn. (N.W.) U.S.A., QARA L-'ASSESSMENT' TA' KULL FINALISTA QABEL MA GIE PPREZENTAT BID-DIPLOMA TIEGHU JEW TAGHHA.

IKUN XIERAQ WIEHED JACCENNA LI DAWN IZ-ZGHAZAGH GHADHOM KEMM SEGWEW KORS TA' SENTEJN STUDJU FIT-TEKNIKA TAR-RECTAR, FIT-TEKNIKA TAL-VUCI, FID-DIREZZJONI, MOVIMENT,DANZA, IMPROVIZZAZZJONI, IRTOKK, PREZENTAZZJONI TELEVISIVA, STAGE MANAGEMENT, SOUND, SPEECH U STORJA U KRITIKA TAT-TEATRU. DAN IL-KORS JINZAMM KULJUM FIL-GHAXIJIET BEJN IS-6.30 U D-9.00 TA' FILGHAXIJA.

DAWK LI RNEXXIELHOM JIGGRADWAW KIENU:
JOE AZZOPARDI - VINCENT BORG - ARTHUR BEZZINA - JOHN PAUL GRECH - MARTIN TESTA - CARMEL VELLA - ISABELLE GATT - LILIAN PACE - JUDIE FARRUGIA - MARIA ZAMMIT

STUDENTI TAL-HAMES TERM,
M.T.A.D.A. - VALLETTA

6 ta' APRIL 1982.

LILL PRINCIPAL,
GHALLIEMA
U STUDENTI TAL-M.T.A.D.A.

Sur Principal, Sinjuri Ghalliema u Studenti,

Is-sitta ta' April tal-1982, ghalina se' tibqa' data, li meta niftakru fiha, go fina nhossu kemm is-sodisfazzjoni li rnexxielna naslu ghaliha, kif ukoll id-dwejjaq tal-firda minn dak kollu li ghaqqadna flimkien matul dawn l-ahhar snin. Imma kull bidu fih it-tmiem tieghu. U la bdejna, xi darba ridna nispiccaw. Mhux dejjem emminna li naslu sa l-ahhar. Diffikultajiet kellna bil-bosta. Imma minkejja kollox, wasalna wkoll! Kien hemm mumenti li xtaqna li z-zmien itir biex naslu ghad-data tal-lum. Dan forsi kien sforz l-entuzjazmu li b'sodisfazzjon nghidu li rrenja fostna matul il-kors kollu. Imma issa, li wasalna biex nispiccaw, nixtiequ li kwazi nergghu nibdew mill-bidu!

L-M.T.A.D.A. ghalina ma' servietx biss biex nitghallmu nirrectaw id-drammi miktuba. Matul iz-zmien li qattajna flimkien, tghallimna wkoll naghmlu l-parti taghna ahjar fid-dramm rejali tal-hajja. Tghallimna ninghaqdu fi hsieb wiehed ma' nies li ma' jahsbuhiex bhalna. Irnexxielna nithalltu u nsiru haga wahda ma' nies ta' opinjonijiet differenti minn taghna. Tghallimna niddiskutu il-problemi taghna b'aktar maturita. Tghallimna nghinu u nigu mejjghuna minn nies li ma' jaqblux maghna f' kollox, li ma' jarawx il-hajja kif narawha ahna. Dan hu l-isbah tejatru li tghallimna u li qatt nistghu nitghallmu. Bejnietna hloqna katina. Holqa differenti ghal kollox mill-ohra. Holoq b'forom u wesghat differenti, irnexxielhom iddommu katina wahda, katina soda imhawwra b'elf hsieb differenti, imma b'gidba wahda!

Ghall tlett sieghat kuljum matul ix-xhur li ghaddew, bejnietna u bejn shabna l-ghalliema, kien isseh bhal seher li zgur li se' jibqa' stampat go qalbna tul hajjitna kollha. Is-seher tal-ghaqda qalbiena, tal-ghajnuna genwina u tal-imhabba sinciera. U dan is-seher tal-ghageb ghallimna nahsbu aktar qabel nifthu halqna. Ghallimna napprezzaw dak li ma' jogghobniex. Ghallimna ninnutaw u nixtarru aktar fil-fond qabel infattru u niddeciedu. Ghallimna kemm ghad haqalna x'nitghallmu, mhux biss fit-tejatru, imma wkoll fil-hajja taghna ta' kuljum.

Huwa ghalhekk xieraq illum, li minn qiegh qalbna nirringrazzjaw lill Principali kollha li tahthom tmexxiet l-iskola kemm ilna hawn ahna, kif ukoll lill shabna l-ghalliema kollha, li b'tant pacenzja, dedikazzjoni u sagrificcji irnexxielhom ikabbru fina t-talenti taghna bhala atturi, kif ukoll irnexxielhom jizirghu u jikkultivaw go fina l-apprezzament lejn it-tejatru serju.

Min ghandkom taghllimna hafna affarijiet li ahna zguri li se jiswewlna ta' gid fil-futur. Grazzi ta' kollox u nawgurawlkom li dak kollu li tajtu lilna, tkomplu tghadduh bl-istess hegga lil shabna l-istudenti l-ohra.

L-awguri taghna jmorru wkoll lill shabna l-istudenti li ghadhom qed jaghmlu l-kors taghhom. Nixtiequlkom kull success u nawgurawlkom li meta bhalna, taslu biex tispiccaw mill-iskola, f'qalbkom thossu is-sodisfazzjon li qieghdin inhossu ahna llum. Nisperaw li nibqghu niltaqghu maghkom u mal-ghalliema ta' sikwiet, biex flimkien nibqghu naqsmu l-esperjenzi taghna 'lkoll li zgur li jiswewlna biex inkomplu nitghallmu minn xulxien biex dejjem insiru atturi aktar tajbin.

GRAZZI LIL KULHADD

DEJJEM TAGHKOM,
STUDENTI TAL-HAMES TERM.